VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,602, 5 ta' Lulju, 2016
Taqsima B

A.L. 246 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni - Kapitolu 473)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel il-korrezzjoni li ġejja:

Korrezzjoni fl-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni. Kap. 473.

1. Fil-verżjoni bl-Ingliż tal-paragrafu 4 tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, għandha ssir il-korrezzjoni li ġejja, jiġifieri s-subparagrafu li jibda bil-kliem "Any information required" u jispiċċa bil-kliem "the information requested." għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (2) tal-imsemmi paragrafu.

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-1 ta' Settembru, 2004, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha titqies li ġiet fis-seħħ.